TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 46/12

**Gerdpeter Caruana**
**vs**
**Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd.**

Illum 28 ta' Novembru, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn u erbgħin ewro (€240), rappreżentanti prezz ta' *suit* li kienet inxtrat f'Diċembru 2011.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ingħata *suit* bħala rigal f'Diċembru 2011 u wara li ħadha għal *dry cleaning*, dina sarilha l-ħsara billi kien hemm ħafna tikmix u d-drapp iffejdja.

L-intimat issottometta illi r-rikorrenti libes il-qalziet iktar mill-ġakketta u li l-proċess sar skond is-sengħa u l-arti, u li mhux responsabbli tal-ħsarat.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li spezzjona s-*suit*, jinnota illi huwa minnu li l-qalziet iffejdja iktar mill-ġakketta u li wara li sar il-proċess il-ġakketta kellha xi linji li ma kinux aċċettabli.

It-Tribunal, jinnota wkoll illi s-*suit* kienet inxtrat għall-prezz ta' mitejn u ħames ewro (€205), u mhux għall-prezz ta' mitejn u erbgħin ewro (€240).

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitt ewro (€100), b'dan illi s-*suit* tibqa' propjeta' tar-rikorrenti u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX ...